



2023/2379

3.10.2023

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2379

tad-29 ta' Settembru 2023

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward il-l-addittiv tal-ikel tartrat tal-istearil (E 483)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽³⁾ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (4) It-tartrat tal-istearil (E 483) huwa sustanza awtorizzata f'ċertu ikel f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (5) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ħarġet opinjoni xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tat-tartrat tal-istearil (E 483) bħala addittiv tal-ikel ⁽⁴⁾. Fl-opinjoni ddikjarat li ma kienx hemm biżżejjed *data* tossikoloġika adegwata dwar it-tartrat tal-istearil. Barra minn hekk, kien hemm nuqqas ta' *data* adegwata li tista' tippermetti read-across minn *data* dwar sustanzi oħra. Konsegwentement, l-Awtorità ma setgħetx tikkonferma s-sikurezza tat-tartrat tal-istearil bħala addittiv tal-ikel u kkonkludiet li d-doża aċċettabbli ta' kuljum (ADI) għal din is-sustanza ma setgħetx tiġi kkonfermata.
- (6) Fid-19 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni nediet sejħa pubblika għal *data* teknika u xjentifika dwar l-addittiv tal-ikel permess tartrat tal-istearil (E 483), li kellha fil-mira l-ħtiġijiet tad-*data* identifikati mill-Awtorità. Madankollu, l-ebda operatur tan-negozju ma ħa l-impenn li jipprovdri d-*data* tossikoloġika mitluba għat-tartrat tal-istearil (E 483). Mingħajr dik id-*data*, l-Awtorità ma tistax tlesti l-evalwazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza tat-tartrat tal-istearil bħala addittiv tal-ikel. Għalhekk, ma jistax jiġi ddetminat jekk din is-sustanza għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati.
- (7) Għaldaqstant jixraq li t-tartrat tal-istearil (E 483) jitneħħa mil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

⁽⁴⁾ EFSA Journal 2020;18(3):6033.

- (8) Minħabba n-nuqqas ta' *data* tossikoloġika xierqa biex tiġi kkonfermata s-sikurezza tat-tartrat tal-istearil (E 483) bħala addittiv tal-ikel, l-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' addittivi tal-ikel awtorizzati ma tistax tibqa' tiġi ġustifikata u jenħtieġ li t-tartrat tal-istearil (E 483) jitneħħa mil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel awtorizzati. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.
- (9) Sabiex l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jsibu alternattivi għat-tartrat tal-istearil (E 483), jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (10) Jixraq ukoll li jkun previst perjodu tranżitorju biex l-oġġetti tal-ikel li fihom it-tartrat tal-istearil (E 483) li jkunu ġew introdotti fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ikunu jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, titħassar l-entrata għall-addittiv tal-ikel tartrat tal-istearil (E 483).

Artikolu 3

L-oġġetti tal-ikel li fihom it-tartrat tal-istearil (E 483) li ġew introdotti fis-suq legalment qabel it-23 ta' April 2024 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sad-data ta' durabbiltà minima tagħhom jew sad-id-data sa meta jistgħu jintużaw l-aħħar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-23 ta' April 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-Parti B, fit-Tabella 3 “Addittivi għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa”, titħassar l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 483 Tartrat tal-istearil;
- (2) il-Parti E hija emendata kif ġej:
 - (a) fil-kategorija 01.4 (Prodotti tal-ħalib iffermentat b'toghmiel miżjuda inklużi prodotti trattati bis-sħana), titħassar l-entrata li tikkonċerna l-addittivi tal-ikel E 483 (Tartrat tal-istearil);
 - (b) fil-kategorija 07.1 (Ħobż u bziezen) titħassar l-entrata li tikkonċerna l-addittivi tal-ikel E 483 (Tartrat tal-istearil);
 - (c) fil-kategorija 07.2 (Prodotti fini tal-forn), titħassar l-entrata li tikkonċerna l-addittivi tal-ikel E 483 (Tartrat tal-istearil);
 - (d) fil-kategorija 16 (Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4), titħassar l-entrata li tikkonċerna l-addittivi tal-ikel E 483 (Tartrat tal-istearil).